# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 1 ta' Marzu 2021**

**Talba Nru: 335/2019 JG**
**Numru fuq il-lista: 5**

**Anthony Baldwin (ID 161416(A)) u Maureen Patricia Baldwin (ID 161414(A))**

**Vs**

**Shane Marchant (ID 182053(A))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2019, permezz ta' liema, l-atturi talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jħallas lill-atturi s-somma ta' tminn mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€855) rappreżentanti self u ħlasijiet magħmula minnhom għan-nom tal-konvenut u/jew ħlasijiet għax-xiri ta'

oġġetti miżmuma mill-konvenut. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali indikata fl-istess Avviż[1];

Ra s-sentenza preliminari mogħtija minn dan it-Tribunal kif preċedentement presedut datata 18 ta' Frar, 2020[2], fejn għar-raġunijiet hemm miktub ġie deċiż lill-konvenut kien waqa' fi stat ta' kontumaċja u ġie ordnat l-isfilz tar-risposta tal-konvenut.

Ra l-affidavits ta' Maureen Patricia Baldwin u ta' Danielle Patricia Baldwin, flimkien mad-dokumenti hemm annessi[3];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[4];

Ra dak reġistrat fl-udjenza tal-10 ta' Diċembru 2020[5];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenut[6];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ippreżentata mill-atturi[7];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 19 *et seq.*
[3] Nota tal-atturi kontenenti dawn l-affidavits u dokumenti tinsab a fol 33.
[4] A fol 47.
[5] A fol 48.
[6] A fol 50 *et seq.*
[7] A fol 54 *et seq.*

Illi kif diġa ntqal fir-riassunt hawn fuq magħmul, il-konvenut odjern ġie dikjarat li kien waqa' fi stat ta' kontumaċja permezz ta' sentenza preliminari mogħtija minn dan it-Tribunal kif preċedentement presedut. F'dik l-istess deċiżjoni, ġie ordnat l-isfilz tar-risposta tiegħu.

Illi madankollu, anke peress il-konvenut kien fil-fatt attiv f'dawn il-proċeduri u anke dehru rappreżentanti tiegħu, t-Tribunal kif issa presedut kien deherlu li l-konvenut kellu dritt li jagħmel sottomissjonijiet finali bil-miktub[8]. Fil-fatt hekk sar, u wieġbu wkoll l-atturi.

Illi għalhekk t-Tribunal ħa qies ukoll ta' dawn is-sottomissjonijiet.

Illi l-attriċi Marueen Patricia Baldwin spjegat lit-tifla tagħha u l-konvenut kienu f'relazzjoni bejniethom u li mill-istess twieldet tiflat. Hija tat rendikont dettaljat tal-ammonti li huma mitluba b'dawn il-proċeduri. Tlett mitt Ewro (€300) huwa bilanċ minn ammont akbar li l-atturi selfu lill-konvenut sabiex tinxtara vettura. Jirriżulta li l-konvenut li kien qiegħed iħallas l-ammont globali permezz ta' pagamenti ta' mitt Ewro fix-xahar. L-aħħar pagament sar fit-30 ta' Novembru 2018. Imbagħad hemm mija u sebgħa u ħamsin Ewro (€157) rappreżentanti ħlas ta' *Cot u Mattress* mixtrija mil-atturi għat-tifla tal-konvenut. Hija tispjega li wara lir-relazzjoni bejn it-tifla tagħha u l-konvneut spiċċat, dan l-oġġett intalab lura iżda qatt ma ġie ritornat. Fl-aħħar tispjega li bl-istess mod nxtara *Tumble Dryer* għal-ammont ta' tlett mija u dsatax il-Ewro (€319) u *Microwave Oven* għal-ammont ta' disgħa u sebgħin Ewro (€79). Dawn l-oġġetti wkoll ntalbu lura iżda ma ġewx ritornati. Ġiet eżebita dokumentazzjoni relattiva.

[8] Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed huwa mistieden jara r-raġunament magħmul mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Lombard Bank Malta p.l.c. (C-1607) vs. Venues Company Limited (C-27160),** (App Ċiv Nru: 229/14LSO) mogħtija nhar it-22 ta' Ottubru 2019.

Illi t-tifla tal-atturi, Danielle Patricia Baldwin, ukoll xehdet permezz t'affidavit. Essenzjalment tikkonferma l-fatt li kienet f'relazzjoni mal-konvenut, liema relazzjoni spiċċat. Mil-bqija tikkonferma li l-konvenut kien qiegħed iħallas l-ammont rigwardanti x-xiri tal-vettura mensilment u mbagħad waqaf, filwaqt li l-oġġetti li ntalbu jiġu ritornati baqgħu fil-pussess tal-konvenut.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-konvenut jiċċara lid-difiża tiegħu f'dawn il-proċeduri hija essenzjalment li l-ammont mitlub kienu oġġetti li nxtraw bħala rigal. Fil-verità b'dan il-ħsieb il-konvenut qiegħed jammetti hu stess li fil-verità l-oġġetti ġew mixtrija mill-atturi. Apparti minn hekk, it-Tribunal m'għandux quddiemu provi konvinċenti biżżejjed sabiex jasal għal fehma li l-ammont mitlub, kemm dak li ngħata bħala self għax-xiri ta' vettura u l-ieħor rigwardanti oġġetti mixtrija kienu fil-fatt ngħataw fil-forma ta' rigal. Huwa ben risaput lid-donazzjoni, anke dik mista, trid tiġi ppruvata minn min jallega l-istess.

Illi apparti minn hekk mix-xhieda jirriżulta li l-konvenut aċċetta parti mid-dejn stante li kien qiegħed iħallas mensilment għal dak li għandu x'jaqsam max xiri ta' vettura. Ma nstabitx raġuni l-għala l-bqija tal-ammont ma tħallasx.

Illi rinfaċċjat b'verżjoni li hija kostanti u korroborata, t-Tribunal iqis lit-talba tal-atturi għandha tintlaqa.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' tminn mija, ħamsa u ħamsin Ewro (€855) bl-imgħax legali mit-28 ta' Awwissu 2019[9] sad-data tal-pagament effettiv.

[9] Din hija d-data ta' notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru 2485/19, kif jinsab *a tergo* ta' fol 41.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 2485/19, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur